# IL-MISTIEDEN

Dak kollu li gabret Ruth mill-kaxxa tal-posta kienet ittra wahda. Harset lejn l-ittra li kellha f'idha b'certa kurzita' ghax qalbha hebritha li gewwa fiha kien hemm xi haga stramba. La kellha bolla u anqas timbru……kellha biss isimha u l-indirizz fuq quddiem. B'kurzita kbira marret inxtehtet fuq il-pultruna u wara li fethet l-ittra b'attenzjoni qrat:

Ghaziz Ruth,

Jiena ser inkun fl-inhawi tieghek nhar is-Sibt wara nofs in-nhar u nixtieq nieqaf ghandek biex naghmillek zjara.

B'imhabba tieghi Gesu'

Idejha kienu ghadhom jirtghodu anke wara li poggiet l-ittra fuq il-mejda.

"Ghaliex il-Mulej irid izurni? Jiena ma inhiex xi haga specjali. Ma ghandi xejn x'noffri." U biex tikkonvinci ruhha Ruth ftakret li l-armajru ta' l-ikel kien vojt.

“Tassew li ma ghandi xejn x’noffrilu…l-ahjar immur nigri lejn l-hanut u nixtri xi haga ghall-ikla ta’ nofs inhar”

Fethet il-portmoni u sabet biss 5 dollari u ftit centezmi. Ghal lanqas nista’ nixtri ftit hobz u xi laham kiesah imqatta,” qalet bejha u bejn ruhha.

Xtrat hobza imqatta u kwart laham tad-dundjan flimkien ma’ kartuna halib. Bqija baqghalha ftit centezmi li kellhom iservuha sat-Tnejn. Madankollu sodisfatta b’dak li xtrat, erhitilha lejn darha.

“Hoj. Sinjura tista’ tghinna?” Ruth inhasdet tara zewg figuri fl-isqaq ta’ magenb il- hanut tal-merca. Tant kienet mitlufa fi hsibijietha li anqas indunat li kien hemm mara u ragel libsin criecer.

“Sinjura, jiena ma ghandix xoghol u marti u jiena ilna nghixu hawn barra t-triq xi gimgha nhossu l-bard u nieklu kemm kemm nitrejqu. Jekk tista’ tghinna madam tassew napprezzaw il-gest ta’ karita’ tieghek.” Ir-ragel

tefa' harsa ta' hniena lejn Ruth. Tefghet harsitha lejhom it-tnejn. Kienu mahmuga u kellhom riha tinten fuqhom tinxtamm minn mil 'l boghod u frankament hasbet bejnha u bejn ruhha li setghu isibu xi xoghol jekk tassew riedu jghixu xi ftit dicenti.

"Nixtieq li nkun ta' ghajnuna ghalikom imma jiena nnifsi jien fqira. Kull ma ghandi ftit qatat ta' laham kiesah u ftit hobz ghal mistieden li gej ghandi d-dar filghaxija u kont qed nahseb li noffrilu dan."

Ir-ragel wegibha b'ton ta' rassenjazzjoni, "OK sinjura, nifhmek. Madankollu grazzi xorta wahda."

Pogga dirajh fuq spallejn martu, daru u erhewla biex jitilqu minn hemm u jintilfu fost id-dellijiet mudlama ta' l-isqaq.

Hekk kif rathom jitbieghdu, Ruth qasset tingiza fil-kuxjenza. "Oj! Stennew"

Il-koppja waqfu u daru lura hekk kif hija griet ghal warajhom fl-isqaq. “Araw, ghaliex ma tiehdux dan l-ikel li xtrajt. Imbaghad nara kif naghmel ghall-mistieden tieghi. B’xi mod jew iehor nirranga xi haga.” U dlonk tat lir-ragel il-borza bl-ikel li kienet xtrat. “Grazzi, ghaziza sinjura. Grazzi hafna,” qalilha r-ragel..

Ruth rat li l-mara kienet qed itterter bil-bard. “Ara inti hu dan ghax id-dar ghandi iehor.” Hallet il-buttuni nezghet il-kowt u poggiethulha fuq spallejha. Imbaghad wara li tbissmitilhom hafif, kulhadd mar ghar-rasu. Daret mal kantuniera minghajr il- kowt u bla xejn ikel biex bih tistma’ il-mistieden taghha. L-ahhar kliem li semghet kienu ripetizzjoni ta’ hajr mill-koppja.

Sa ma waslet id-dar Ruth keshet silg u dahlet gewwa b’idejha vojta. Il-Mulej kien gej biex izurha u ma ghandha xejn x’toffrilu. Fethet il-basket u gerfxet biex issib ic- cavetta tad-dar. Hekk kif harset ’l isfel hija indunat li kien hemm envelops nofsu barra fil-kaxxa tal-posta. Kienet sorpriza ghal ahhar billi l-pustier ma kienx jigi darbtejn kuljum jew ihalliha l-posta nofs

barra. Dahlet id-dar u filwaqt li qaghdet bilqieghda, carrtet l-envelops u qrat l- ittra:

Ghaziza Ruth:

Kienet haga sabiha li rajtek u ltqajt mieghek. Grazzi ghal dik l-ikla tant tajba u grazzi wkoll ghal dak il-kowt sabih. Dejjem tieghek u nhobbok,

Gesu'.

L-arja kienet kiesha ukoll fid-dar imma Ruth avolja minghajr kowt ma tatx kaz aktar. Hsibijietha kienu migbura fuq dik l-ahhar grajja li habbtet wiccha maghha.